# TAL-MELLIEĦA KOLLHA 'VELLIJIET' U'BORGIJIET'!! ĦARSA LEJN IL-KUNJOMIJIET FIL-MELLIEĦA.

*Joe Sammut*



Ħafna drabi, meta tgħid li int mill-Mellieħa, mill-ewwel jassoċjawk mal-kunjomijiet Vella jew Borg. Huwa minnu li l-kunjomijiet Vella u Borg huma l-iktar kunjomijiet misjuba fost in-nies li jgħixu fil-Mellieħa, imma fil-Mellieħa nsibu madwar 31 kunjom ieħor, barra li ma jidhrux fil-lista taċ-ċensiment, li jagħmlu 47 fil-mija tal-popolazzjoni ta' 8,661, skont iċ-ċensiment tal-2011. F'dan l-artiklu ħa nagħtu ħarsa ħafifa lejn kif oriġinaw il-kunjomijiet f'Malta u ħarsa lejnl-għeruqsemitiċi ta' ftit mill-kunjomijiet li nsibu fil-Mellieħa. Se naraw ukoll id-diversita ta' kunjomijiet li għandna fil-Mellieħa skont iċ-ċensimenti tal-2011 u tal-2005.

Minn fejn ġejjin il-kunjomijiet f'Malta?
SkontDr Mario Cassar, fil-ktieb tiegħu *'TheSurnames of the Maltese Islands',* insibuli l-kunjomijiet Maltin jinqasmu fi tliet gruppi: i) Semitiċi (Għarab u Lhud), ii) Rumanzi/Latini (Taljani, Sqallin, Spanjoli u Franċiżi), uiii) Ingliżi (Ingliżi, Skoċċiżi u dawk ta' Wales). Dawn imxew mal-mixja tal-istorja ta' Malta. Bdew fi żmien l-Għarab (870-1224) u komplew fil-perjodu Ewropew u dak tal-Imperu Ingliż. Skont iċ-ċensiment tas-sena 2011 f'Malta hawn 19,104 kunjom differenti u l-oriġini tagħhom hija mir-reġjuni li semmejna hawn fuq. Għalkemm 50 biss huma ta' oriġini diretta Għarbija, ħafna mill-kunjomijiet Maltin huma ta dixxendenzaGħarbija. L-Għarab, għalkemm moħbija fl-istorja tagħna, ħallew impatt qawwi fuqna l-Maltin, sew fil-lingwa,kif ukoll fil-kunjomijiet tagħna. L-Għarab ħakmu lil Malta mis-sena 870 sas-sena 1224 u ġew imkeċċijamill-Anġovini. Bid-dħul tal-Latin f'Malta il-lingwa bdiet tinħall minn dik Għarbija. Il-lingwa miktuba uffiċjali nqalbet mill-Għarbi għal-Latin. Fil-ħmistax-il seklu Malta kienet meqjusa bħala parti minn Sqallija. Dan bid-del il-lingwa uffiċjali għall-Isqalli,imħallat mat-Taljan. Fis-sittax-il seklu ġew il-Kavallieri (1530-1798) u l-lingwa uffiċjali saret dik Taljana. Dan it-tibdil ħalla impatt qawwi fuq il-lingwa Maltija, kif ukoll fuq l-iżvilupp tal-kunjomijiet f'Malta. Ġara l-istess meta Malta nħakmet mill-Ingliżi li ħallew l-impatt tagħhom fuq il-lingwa Maltija. Għalkemm rajna impatti qawwija fuq il-lingwa Maltija għal sekli sħaħ, il-Malti evolva bħala lingwa separata u indipendenti mill-oħrajn.

L-Anġovini, li ġew wara t-tkeċċija tal-Għarab, bdew iżommu l-istatistika tagħhom fil-forma ta' isem u kunjom u bdew jaqtgħu il-laqmijiet li kienu jintużaw fiżmien l-Għarab. L-istatistika de-jjem kellha l-importanza tagħha, sew biex wieħed ikun jaf in-numru ta' nies, kif ukoll għal skop ta' ġbir ta' taxxi! Għalkemm għaddew madwar tmien sekli mit-tluq tal-Għarab minn Malta, il-laqam, aktar milli l-kunjom, f'ċerti nħawi, fosthom il-Mellieħa, għadu mezz qawwi biex tiġi identifikata l-persuna. Sa ftit taż-żmien ilu, fil-pitkalija, il-bdiewa kienu jkunu identifikati bil-laqam, aktar millibl-isem u l-kunjom.

Is-sistema tal-isem u l-kunjom bdiet titħaddem fl-Ewropa madwar is-sena 1000. Din is-sistema waslet f'Malta mat-tkeċċija tal-Għarab mill-pajjiżi fin-nofsinhar tal-Ewropa, bħal Spanja u Sqallija. Ħafna mill-Għarab li baqgħu f'Malta saru nsara u kellhom jimxu wkoll mad-direttivi tal-ħakkiema l-ġodda. Għalhekk, dawn ukoll kellhomjiġu reġistrati b'isem u kunjom Latin, bħall-kumplament tal-poplu. Mod prattiku li bdew jużaw kien li jdawrul-laqmijiet biex jagħmluhom il-kunjom tal-familja. Wieħed irid jinnota li l-laqmijiet ma twildux mal-miġja tal-Għarabf'Malta, imma naħsbu li dejjem kien hemm xi forma ta' identifikazzjoni bejn il-familji li kienu jgħixu f'Malta f'dawk iż-żminijiet, kemm jekk kienu ta' nisel Latin, u kemm jekk kienu ta' nisel Għarbi jew Lhudi.

F'Malta għandna madwar 19,000 kunjom b'50 biss minnhom li huma ta' dixxendenza diretta Għarbija. Madankollu, persentaġġ għoli tal-kunjomijiet tal-popolazzjoni Maltija huwa ta' dixxendenza Għarbija. Il-Professur Mellieħi GodfreyWettinger jgħidilna li ħafna minn dawn il-kunjomijiet Għarab spiċċaw minħabba l-persekuzzjoni u l-ħakma tal-inkwiżizzjoni fuq Malta fejn, dawn in-nies, kienu jispiċċaw eżiljati minn Malta u jeħdulhom il-proprjetà. Il-kunjomijiet, imbagħad, ħadu forom aktar Rumanzi/Latini biex jimxu maż-żminijiet. Wettinger jgħidilna li l-kunjomijiet kienu stabbiliti sew f'Malta mas-seklu tlettax, għalkemm dawn, maż-żmien, raw tibdil f'xeħta Rumanza. Sas-sena 1500l-kunjomijiet semitiċi b'konnessjoni Għarbija ġew trasformati f'forma Rumanza. Ta' min jinnota forma użata f'ħafna kunjomijiet Maltin semitiċi. Din hija ż-żieda tal-kelma 'a' fl-aħħar tal-kelma, per eżempju,Farrugi-a – Farrugia, Salib-a - Saliba, Caruan-a – Caruana, Bajjad-a –Bajjada. B'hekk il-laqam jew il-kunjom li ħa ż-żieda tal-'a' issa sar jagħmel parti mill-morfoloġija Rumanza.

Il-kunjom l-aktar popolari fil-Mellieħa huwa Vella. Minnu ħadna t-timbru li aħna kollha *'Vellijiet'*. Għalkemm, ħafna drabi, naħsbu li Vella ġej mill-kelma Taljana 'vela', qlugħ, il-Professur Wettinger ma jaqbilx. Hu jgħid li l-laqam *'xiħ'* bl-Għarbi tbiddel għall-kunjom ta' 'xiħ' – 'vell' bil-Katalan. Bħal ħafna kunjomijiet semitiċi 'Vell' żdiditlu l-ittra 'a' u ħa l-forma Rumanza u sar 'Vella'. Il-Kunjom Vella jinsab fil-lista' tal-Milizzja tal-1419; għalhekk huwa meqjus bħala kunjom Malti antik ħafna.
Xi wħud mill-kunjomijiet Maltin insibuhom ġejjin mill-okkupazzjoni jew sengħa tal-persuna bħal Camilleri, bl-Isqalli'Camellieri'li jfisser sewwieqa ta' l-iġmla, jew nies li jieħdu ħsieb l-iġmla.Il-Kunjom Camilleri instab taħt forma bikrija ħafna fost l-ilsiera Musulmani fi Sqallija mmexxija min-Normanni lejn l-1213.

Kunjomijiet Maltin li bdew bħala laqam ġejjin ukoll mill-post minn fejn wieħed ikun ġej, per eżempju, il-kunjom Gauci juri li l-oriġini tiegħu ġejja minn Għawdex. Fl-Għarbi nsibu 'al Ġawdiśī' li ġej minn Għawdex. Il-Professur Ġużè Aquilina jikteb li Grech ifisser 'iben ta' Grieg' jew huwa ta' nisel Grieg.Fuq il-kunjom Sammut, il-Professur Aquilina jgħid lijista' jkun li dan ġej minn raħal żgħir li kien jeżisti bejn il-Madliena u Ħal Għargħur, għalkemm l-istudjużitan-nomeklatura jaqblu li Sammut ġej mill-kelma Għarbija 'samīt', li tfisser silenzju jew wieħed kwiet.
Farrugia ġej minn Farrugi. Skont il-Professur Wettinger u l-Professur Aquilina dan beda bħala laqam – Farruġ, li jfisser *fellus* . Minn dan il-laqam oriġina l-kunjom Farrugia tal-lum. Jista' jkun li dan il-fatt ipprovda d-derivazzjoni topografika għall-kunjom Farrugia. Fl-1187, fiż-żmien li Sqallija kienet immexxija min-Normanni, insibu l-format bikri ta' dan il-kunjom fost 'l-ilsiera' Musulmani tal-mexxejja fewdali. Madwar l-1417 insibu dan il-kunjom miktub bħala Faruge. Fil-lista tal-Milizzja tal-1480 insibu l-kunjom 'Farrugiu' - suldat li kien joqgħod ir-Rabat (Aqulina).

Dr. M. Cassar jgħid li l-kunjom Farrugia ifisser 'wieħed jieħu ħsieb it-tiġieġ', mill-Għarbi *'al-farruġi'*. Barra minn hekk bejn Ħal-Luqa u Ħal Qormi nsibu r-raħal ta' Ħal Farruġ.Fis-snin tan-Nofs kien magħruf bħala CasaliFarrug. Iż-żieda ta' 'a', bħalma ġie spjegat qabel, huwa mod kif il-kunjom ġie mogħti morfoloġija Rumanza.

Micallefħuwa kunjom li għandu l-għeruq qodmatiegħu marbutin mal-Lhud li kienu jgħixu f' Malta. L-oriġini tiegħu aktarx ġejja mill-isem 'Micali', varjant tal-kelma 'Michael' (bil-Lhudi – 'Min hu bħal Alla?'). Derivattiva oħra tista' tkun mil-kelma Maltija 'mħallef'. Il-kunjom huwa reġistrat f'manuskritti medjevali bħala 'Makluffi'. Qabel il-ħmistax-il seklu ħafna minn nies li kellhom dan il-kunjom kienu ta' reliġjon Lhudija. Dan il-kunjom huwa meqjus bħala kunjom li ġej mix-xogħol tal-individwu.

Muscat,li hu kunjom komuni fil-Mellieħa, huwa kunjom antik Malti. Il-Professur Wettinger jgħidilna linsibuh imniżżel tnax-il darba fil-lista tal-Milizzja tal-1419, u 22 darba fil-lista tal-1480.Wettingerjgħid li huwa ta' oriġini Lhudija. Aquilina jgħid li Muscat huwa kunjom marbut mal-belt li tinsab fin-nofsinhar tal-Golf ta' Oman – Muscat. Dr.Cassar jikteb li 'Muscato', fl-Isqalli, huwa kemm isem kif ukoll kunjom u ġej mil-Latin *'muscus'*li jfisser 'għata ħażiż'.

Cutajar,li jiġi s-sittkunjom fil-lista tal-kunjomijiet Melleħin, huwa semitiku. Dan għandu l-oriġini tiegħu fil-kelma 'quttayah', li tfisser – fil-għoli. Fl-Għarbi għandhom il-kelma 'rahl-quttayah' li tfisser 'raħħal fuq l-għolja' li,ngħiduha kif inhi, hijadeskrizzjoni tajba tar-raħal tagħna!

Fenech huwa kunjom li jiġi minn ta' quddiem fil-lista tal-kunjomijiet fil-Mellieħa. Huwa kunjom semitiku li konna naħsbu li ġej mill-kelma fenek, iżda Dr. Cassar jgħid li 'fanak' bl-Għarbi jfisser 'volpi'.Cassar jgħidilna wkoll li Fenech jista' jkun li ġej minn'annimal muswaf (Ingliż: Fair)', 'ħafif fil-mixi', kif ukoll 'bniedem timidu'.

Borghuwa t-tieni l-aktar kunjom komuni fil-Mellieħa. 'Burġi', fl-Għarbi, huwa isem ta' post u jfisser borġ ġebel, torri, fortizza jew sur. Fl-Isqalli il-kelma *burgiu* tfisser borg kbir ta' tiben, mentri, fil-Grieg,'purgos' u fit-Taljan,'borgo' jfissru belt fortifikata. Cassar iżid li Borg jista' jirreferi għal persuna ġejja minn belt (mdawra bil-ħitan). Fl-Istatus Animarum tal-1687 insibu lil Borg bħala l-iktar kunjom komuni f'Malta. Insibuh fil-lista tal-Milizzja tal-1419 bħala 'elBurgi' f'total ta' 25 darba. Fil-lista tal-1480 jissemma 29 darba bħala 'burg'. Ġuże' Aquilina jgħid li l-kunjom Borg ifisser torri u għandu oriġini Għarbija. Borg, jew derivazzjonijiet tiegħu, huwa mxerred mal-Ewropa u mal-Mediterran kollu.

L-istudjużi tal-nomenklatura jorbtu l-kunjom Caruana maxxogħol jew ma' post f' Tuneż. Fi żmien l-Għarab diversi nies kienujaqilgħu ħobżhom billi jivvjaġġaw bil-karavani minn post għal ieħor u jinnegozjaw l-affarijiet. L-istess studjużi jorbtuh ukoll mal-burdnara tax-xatt. Dr. Cassar jispjega wkoll li Caruana ġej mill-Latinizzartal-kelma 'al – karawānī', jiġifieri, wieħed li ġej mill-belt qaddisa ta' Kairouan f'Tuneż.

Il-kunjom Buttigieg huwa derivat mill-annimali – tiġieġ, bl-Għarbi. 'Abū l-Daġāġ–'diġāġ' , 'duġāġ' – il-laqam ta' wieħed li kien irabbi ħafna tiġieġ.

Xuereb, li wkoll huwa semitiku, kellu prefiss – 'Abū/šawārib'. Dan il-kunjom huwa marbut ma' 'raġel bil-mustaċċi'. 'Šārib' bl-Għarbi tfisser mustaċċi.

Chetcuti ġej mill-Għarbi, 'kethuda' (jew kathuda) li jfisser 'sid id-dar'; 'il-kbir tal-familja'; 'mexxej', 'persuna li kienet tiġbor id-deċmi (taxxi: 1/10). Dan il-kunjom jista' jitqies li ġej mixxogħol tal-persuna.

Sciberras ġej mill-Għarbi 'Šihabar-Rās' u jfisser 'Stilla tiddi' – Kap' li kien il-mexxej tat-tribù jew grupp.

Sultana għandukonnotazzjoni Għarbija femminili: 'Sulānah'- Sultana – (Reġina). Ninnutawl-'a' miżjuda fl-aħħar tal-kunjom biex turi l-morfoloġija Rumanza.

Il-kunjom Zammit ġej minn 'Zamīt' li jfisser persuna serja, dinjituża u li trid tagħti kasha.

Fost il-kunjomijiet semitiċi nsibu wkoll kunjomijiet li bħal iwaqqgħu jew jesprimu xi karattru negattiv fil-persuna. Dr. Cassar jgħidilna li Mifsud huwa derivattiv ta' 'mafsūd' li jfisser imħassar,imnawwar, korrott, daqsxejn imqareb, jew jikkonnota bniedem li jitlagħlu malajr u li jgħid dak li jiġi f'ilsienu! Il-kelma 'Mafsūd' tfisser ukoll 'tniġġeż' li hija marbuta mal-bajd li npoġġutaħt il-qroqqa biex tfaqqas il-flieles, iżda, meta dan il-bajd ma jfaqqasx, ikun jinten ħafna!

Hawn fuq tajna ħarsa ħafifa u simplifikata lejn diversi kunjomijiet Maltin li għandhom għeruq semitiċi. L-isem, fl-Għarbi, huwa mibni minn partijiet differenti li jingħaqdu flimkien biex iwasslu messaġġ jew informazzjoni fuq xi persuna. Dan insibuh ukoll fl-ismijiet tal-irħula u tal-inħawi f'Malta u Għawdex li permezz ta' isimhom juru l-karatteristika tal-inħawi.

Kunjomijiet fil-Mellieħa 2011 u 2005

Statistika meħuda miċ-ċensimenti tas-snin 2011 u 2005 (Ara tabella 1) turi li fil-Mellieħa hawn madwar 33 u 32 kunjom l-iktar komuni li jagħmlu 63.7% u 67.7% tal-kunjomijiet tal-Mellieħa. Naraw li, bħalma jgħidulna, jekk int mill-Mellieħa, aktarx li kunjomok huwa Vella jew Borg. Vella u Borg huma l-iktar kunjomijiet komuni.Fl-2011 kienu 16.5% u fl-2005 kienu 18% tal-kunjomijiet kollha tal-Mellieħa. Naraw li, minn kull għaxar Melleħin, wieħed minnhom kunjomu Vella!

L-istatistika turina li l-kunjom Vella huwa t-tielet l-iżjed kunjom popolari f'Malta, b' konċentrazzjoni lejn in-naħa tat-tramuntana ta' Malta u f'Għawdex. Infatti,il-Mellieħa tiġi fl-ewwel post f'Malta fejn Vella huwa l-iktar numeruż u huwa tliet darbiet tal-medja (10.0%/2.9%) f'Malta. Il-kunjom Vella insibuh l-ewwel fil-lista tal-kunjomijiet f'postijiet oħra wkoll. Dawnhuma Raħal Ġdid, ix-Xgħajra, Pembroke ul-Imġarr, f' Malta, u Ta' Sannat u x-Xewkija f'Għawdex.

Borg jiġi t-tieni fil-lista tal-kunjomijiet fil-Mellieħa u l-ewwel kunjom fost il-popolazzjoni nazzjonali. F'Malta nsibu li l-kunjom Borg iġibuh 3.3% tal-popolazzjoni, filwaqt li fil-Mellieħa 6.5% - id-doppju tal-medja tan-nies kollha li jġorru dan il-kunjom. Camilleri, li jiġi it-tieni l-aktar kunjom komuni fil-lista tal-kunjomijiet f'Malta, jiġi fin-numru 14 fil-lista tal-kunjomijiet fil-Mellieħa. Gauci (271) u Fenech (245) jiġu wara Borg fil-lista tal-kunjomijiet tal-Mellieħa.

Tabella 1: Distribuzzjoni tal-Kunjomijiet ta' residenti fil-Mellieħa skont iċ-Ċensimenti 2011 u 2005

| | Ċensiment 2011 | | | Ċensiment 2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kunjom | Numru | % | Kunjom | Numru | % |
| 1 | Vella | 868 | 10.0 | Vella | 813 | 10.6 |
| 2 | Borg | 561 | 6.5 | Borg | 570 | 7.4 |
| 3 | Gauci | 271 | 3.1 | Fenech | 246 | 3.2 |
| 4 | Fenech | 245 | 2.8 | Gauci | 245 | 3.2 |
| 5 | Micallef | 208 | 2.4 | Bartolo | 204 | 2.7 |
| 6 | Cutajar | 203 | 2.3 | Muscat | 197 | 2.6 |
| 7 | Caruana | 202 | 2.3 | Caruana | 195 | 2.5 |
| 8 | Bartolo | 197 | 2.3 | Debono | 194 | 2.5 |
| 9 | Debono | 197 | 2.3 | Grima | 189 | 2.5 |
| 10 | Mifsud | 197 | 2.3 | Cutajar | 187 | 2.4 |
| 11 | Muscat | 193 | 2.2 | Micallef | 187 | 2.4 |
| 12 | Grima | 183 | 2.1 | Mifsud | 171 | 2.2 |
| 13 | Cauchi | 167 | 1.9 | Cauchi | 161 | 2.1 |
| 14 | Camilleri | 155 | 1.8 | Sammut | 145 | 1.9 |
| 15 | Sammut | 146 | 1.7 | Farrugia | 129 | 1.7 |
| 16 | Farrugia | 141 | 1.6 | Camilleri | 117 | 1.5 |
| 17 | Galea | 136 | 1.6 | Galea | 114 | 1.5 |
| 18 | Abela | 113 | 1.3 | Abela | 101 | 1.3 |
| 19 | Zammit | 110 | 1.3 | Zammit | 98 | 1.3 |
| 20 | Attard | 105 | 1.2 | Attard | 95 | 1.2 |
| 21 | Xuereb | 100 | 1.2 | Buttigieg | 93 | 1.2 |
| 22 | Buttigieg | 89 | 1.0 | Xuereb | 87 | 1.1 |
| 23 | Bonanno | 81 | .9 | Chetcuti | 81 | 1.1 |
| 24 | Azzopardi | 79 | .9 | Azzopardi | 80 | 1.0 |
| 25 | Chetcuti | 75 | .9 | Bonanno | 76 | 1.0 |
| 26 | Aquilina | 71 | .8 | Cini | 72 | 0.9 |
| 27 | Cini | 69 | .8 | Sant | 72 | 0.9 |
| 28 | Sant | 68 | .8 | Grech | 59 | 0.8 |
| 29 | Sciberras | 68 | .8 | Aquilina | 58 | 0.8 |
| 30 | Grech | 63 | .7 | Calleja | 57 | 0.7 |
| 31 | Calleja | 53 | .6 | Sciberras | 54 | 0.7 |
| 32 | Pace | 52 | .6 | Schembri | 52 | 0.7 |
| 33 | Schembri | 52 | .6 | Oħrajn | 2,477 | 32.3 |
| 34 | Oħrajn | 3,143 | 36.3 | | - | - |
| | Total | 8,661 | 100.0 | | 7,676 | 100.0 |

NSO: Census 2011; Census 2005

Farrugia, li jinsab fir-raba' post fil-lista nazzjonali, fil-Mellieħa insibuh fis-sittax-ilpost. Zammit, li jinsab fil-ħames postfil-listatal-kunjomijiet f'Malta, jiġi d-dsatax fil-lista Melleħija. Micallef huwa kunjom li huwa numeruż fil-Mellieħa u jiġi l-ħames fost il-kunjomijiet Melleħin u is-seba' wieħed fil-lista nazzjonali. Il-kunjom Spiteri, li jiġi mill-ewwel għaxar kunjomijiet f'Malta, ma jidhirx fuq il-lista taċ-Ċensiment tal-2011 u lanqas tal-2005 fil-Mellieħa. Dan minħabba li ċ-Ċensimenti ma jurux statistiċi taħt0.5%, biex tkun protetta l-privatezza tal-individwu.

Tabella 2: L-għaxar Kunjomijiet l-aktar misjuba f' Malta skond iċ-Ċensimenti 2011 u 2005

| | Ċensiment 2011 | | | Ċensiment 2005 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kunjom | Numru | % | Kunjom | Numru | % |
| 1 | Borg | 13, 610 | 3.3 | Borg | 13, 169 | 3.3 |
| 2 | Camilleri | 13, 090 | 3.1 | Camilleri | 12, 643 | 3.1 |
| 3 | Vella | 12, 192 | 2.9 | Vella | 11,785 | 2.9 |
| 4 | Farrugia | 11, 953 | 2.9 | Farrugia | 11,549 | 2.9 |
| 5 | Zammit | 9, 769 | 2.3 | Zammit | 9,424 | 2.3 |
| 6 | Galea | 8, 767 | 2.1 | Galea | 8, 519 | 2.1 |
| 7 | Micallef | 8, 677 | 2.1 | Micallef | 8, 356 | 2.1 |
| 8 | Grech | 8, 178 | 2.0 | Grech | 7, 828 | 1.9 |
| 9 | Attard | 7, 680 | 1.8 | Attard | 7, 340 | 1.8 |
| 10 | Spiteri | 7, 316 | 1.8 | Spiteri | 7, 233 | 1.8 |
| Total | | 101, 436 | 24.3 | Total | 98, 000 | 24.2 |
| Popolazzjoni | | 417, 432 | 100 | Popolazzjoni | 404, 962 | 100 |

NSO: Censusof PopulationandHousing 2011 u Census2005

Ta' min jinnota li ċ-Ċensiment tal-2011 juri li fil-Mellieħa kien hawn 184 persuna li għandhom kunjom doppju (Double-barreled). Dawn il-kunjomijiet jagħmlu 2.4% tat-total. Dawn il-kunjomijiet kulma jmur qegħdin jiżdiedu, peress li meta mara tiżżewweġ, tista' żżid kunjomha ma' dak ta' żewġha.

F'dan l-artiklu tajna ħarsa lejn l-istorja u l-oriġini tal-kunjomijiet f'Malta. Iffokajna fuq l-għeruq u l-morfoloġija ta' ftit mill-kunjomijiet semitiċi li huma misjuba fil-Mellieħa. Dan huwa studju ħafif u leġġer, fejn persuna tkun taf ftit iżjed fuq l-għeruq tagħha u minn fejn ġej il-kunjom ta' kull wieħed u waħda minna. Min huwa interessat jista' jfittex kotba u artikli li jidħlu aktar fil-fond dwar l-oriġini u l-għeruq tal-kunjomijiet Maltin.

Sorsi

AquilinaJ.,Journal of Maltese Studies, Faculty of Arts, Royal University of Malta, 1964, No 2 - 'A Comparative Study in Lexical Material Relating to Nicknames and Surnames', pp. 147 - 176.

Cassar M.,'The Surnames of the Maltese Islands', B.D.L., Malta 2003

Cassar M., 'Vestiges of Arabic Nomencalture in Maltese Surnames';Misjubfis-sit: http://www.academia.edu/183114/Vestiges_of_Arabic_Nomencalture_in_Maltese_Surnames#

National Office of Statistics (2007), Census 2005 Malta, Gov. Press

National Office of Statistics (2013).Census of Population and Housing 2011: A focusonSurnames.Pub. 7/1/13

**Wettinger G.,Journal of Maltese Studies, Faculty of Arts, Royal University of Malta, 1968, No 5 - The Distribution of Surnames in Malta in 1419 and the 1480s,(pp. 25 – 48)**

WettingerG.,'Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300 – 1800', P.E.G.Publications, Malta, 2000.

Wettinger G., 'The Origin of the Maltese' Surnames'; misjubfuq sit:http://vassallohistory.wordpress.com/vassallo/the-origin-of-the-maltese-surnames/comment-page8/

**Gauci C.,*'An IllustratedCollectionOf theCoats of Arms of Maltese Families'*P.E.G., Malta, 1999.**